**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017 dwar teħid ta' ritratti fil-Kamra**

Fis-seduta 464 tal-21 ta' Diċembru 2016 l-Onor. David Agius ġibed l-attenzjoni tas-Sedja, dakinhar ippreseduta mid-Deputy Speaker, l-Onor. Ċensu Galea, fejn dan talab hekk:

> "Sur President, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni biex tinvestiga dak li deher fuq is-*site* glennbedingfield.com bit-titlu "*In Parliament while leaders call for unity, tolerance and to stop hate speech"* u ritratt tal-kollega l-Onor. Beppe Fenech Adami li żgur ma tteħidx mill-*cameras* tal-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament imma ttieħed minn xi ħadd minn ġo din il-Kamra. Dan huwa evidenti. Inti taf li ma tistax tieħu ritratti – u jien nitolbok tinvestiga – ... Ir-ritratt qiegħed minn isfel, bil-*camera* warajh; meta tara ritratti oħrajn li hemm aktar 'l isfel f'din is-*site*, dik il-*camera* ma tidhirx. Dan huwa *screenshot* kompletament differenti, Sur President ..."

Sussegwentement, l-Onor. David Agius kompla jgħid:

> "Sur President, li kont qed ngħid huwa li fuq il-*blog* glennbedingfield.com – dan huwa uffiċjal ta' Kastilja – jidher ritratt tal-kollega l-Onor. Beppe Fenech Adami qed jitkellem fil-Parlament bit-titlu "*In Parliament while leaders call for unity, tolerance and to stop hate speech*". Dan żgur mhuwiex ritratt li ttieħed minn fuq it-televiżjoni għax jekk tinżel ftit aktar 'l isfel fl-istess *site*, issib ir-ritratti li ttieħdu minn fuq it-televiżjoni. Hemm distinzjoni ċara bejn dawn ir-ritratti u r-ritratt li ttieħed minn dan il-Parlament. Kif taf int, ma jistgħux jittieħdu ritratti minn ġo dan il-Parlament u allura nitolbok tinvestiga. L-Ispeaker kien poġġa f'dan il-Parlament *camera* li taħdem il-ħin kollu biex meta jiġru dan it-tip ta' affarijiet, tkun tista' tinvestiga dwarhom. Għalhekk nitolbok tinvestiga dan it-tip ta' atteġġjament minn Deputati Parlamentari li allura għandhom *link* dirett ma' dan il-*blogger* li huwa uffiċjal ta' Kastilja, u ovvjament nitolbok tieħu l-azzjonijiet neċessarji."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "Onor. Agius, kif għedt tajjeb inti, diġà ngħataw *rulings* fir-rigward ta' inċidenti oħrajn li kienu nqalgħu u m'għandix għalfejn noqgħod nagħmel referenza għalihom għax sa dak iż-żmien ma kienx hemm mod kif inkunu nafu kif qegħdin jaġixxu l-membri ta' din il-Kamra. Qabel kien hemm ftehim bejn iż-żewġ naħat li l-*camera* tmur biss fuq dak li jkun qed jitkellem, imma wara inċident partikolari kien hemm deċiżjoni li fil-fatt ikun hawn *camera* li tiġbed lill-Kamra kollha għal dak li jista' jinqala'. Jien smajt dak li għedt inti, se ninvestiga dak li qed tgħid inti u naturalment wara jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri skont l-i*Standing Orders* jekk jirriżulta li jiġi identifikat xi ħadd.
>
> Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex infakkar li aħna hawnhekk m'aħniex 71 tifel tal-*kindergarten*. Qegħdin 71 raġel u mara nirrappreżentaw – kif għedt ilbiraħtlula – lill-poplu Malti kollu kemm hu. Nafu li jekk aħna nippretendu li lin-nies li jkunu fl-i*Strangers Gallery* ma nħalluhomx jieħdu r-ritratti – hekk tgħid il-prassi u r-regolamenti li għandha din il-Kamra rigward l-i*Strangers Gallery* – ma nkunux aħna li naġixxu ta' tfal u nieħdu r-ritratti tagħna nfusna. Jekk irridu nibdew nagħmlu dan, nagħmluh permissibbli, allavolja tkun farsa li jkollna madwar 70 ruħ, kulħadd jieħu r-ritratti wieħed tal-ieħor! Niddeċiedu li dan ikun possibbli u nagħmluh! Altrimenti nafu li dan mhuwiex permessibbli."

Is-Sedja tagħmel referenza għal dak li ntqal dwar dik il-*camera* partikolari, liema *camera* kienet ġiet ordnata mis-Sedja biex titpoġġa wara *ruling* li kienet tat. L-iskop kien li s-Sedja jkollha mod indipendenti kif tosserva dak li jista' jinqala' fil-Kamra u dan b'referenza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra numri 60, 62, 63 u 64, kif ukoll meta s-Sedja tkun mitluba tiddikjara jekk *prima facie* Membru wettaqx, bl-imġiba tiegħu, xi att ikkontemplat fl-artiklu 11 tal-Ordinanza dwar Privileġġi u Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kapitlu 113.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak li ntqal mill-Onor. David Agius dwar ir-regolamenti tal-Kamra u dwar l-i*Strangers' Gallery*. Infakkar li l-imġiba tal-barranin, *ossia* l-i*strangers*, fil-Kamra hija regolata mill-Ordni Permanenti 166 u llum il-proċedura applikata hija li l-barranin li jkunu qegħdin fl-i*Strangers' Gallery* ma jistgħux jużaw *mobile phones* u, aktar minn hekk, ma jistgħux jieħdu ritratti bil-*mobile*. Fil-fatt, dwar dan, is-Sedja spiss tikkawtela lil dawk preżenti fl-i*Strangers' Gallery*.

Is-Sedja tfakkar li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra huma totalment silenzjużi dwar l-użu tal-*mobiles* fil-Kamra tad-Deputati u fuq dan il-punt se tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha.

*Nonostante* dan kollu, is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tara l-filmat mill-*camera* msemmija qabel, li tieħu *bird's eye view* tal-Membri kollha tal-Kamra waqt is-seduta. Meta ġew miflija l-movimenti li kien hemm mill-Membri li kienu faċċata jew viċin tal-Onor. Beppe Fenech Adami waqt li hu kien qed jitkellem, is-Sedja nnotat illi filwaqt li kien hemm diversi Membri li kienu qed jużaw il-*mobile phone*, ma seta' jiġi identifikat ħadd b'mod ċar li kien qed jieħu xi ritratti għaliex il-*mobile phones* baqgħu miżmumin 'l isfel. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jasal biex jgħid dak il-ħin kull Membru għal xiex kien qed juża l-*mobile phone*. Definittivament ma kien hemm l-ebda mument fejn xi Membru seta' jiġi identifikat li kien qed jieħu xi ritratti. Biss ta' min jgħid li anke kieku dan kien il-każ, sal-lum is-Sedja m'għandha l-ebda kontroll fuq jekk wieħed jistax jieħu ritratti jew le. Is-Sedja qed tagħmilha ċara li b'xi mod iż-żewġ naħat tal-Kamra jridu jaslu f'arranġament dwar l-użu tal-*mobile phones* mill-Membri waqt is-seduta parlamentari. Żgur li mhuwiex feliċi li waqt seduta parlamentari, meta l-*camera* tkun iffokata fuq il-Membru li jkun qed jitkellem, kif jesiġu l-*guidelines* s'issa, ikunu jidhru Membri miż-żewġ naħat tal-Kamra jużaw il-*mobile* b'diżrispett kemm lejn min ikun qed jitkellem, kif ukoll lejn il-pubbliku li jkun qed isegwi d-dibattiti parlamentari, li llum nafu li hemm eluf minnhom.

Fid-dawl tal-fatt li l-i*Standing Orders* huma silenzjużi f'dan ir-rigward, is-Sedja rat x'inhi l-prassi fil-House of Commons, skont ma jipprovdi l-Ordni Permanenti 194. Fil-fatt f'rapport li deher f'*The Daily Telegraph* tat-13 ta' Ottubru 2011, Greg Knight li huwa ċ-Chairman tal-Commons Procedure Committee, jirreferi għal ftehim li ntlaħaq li l-Membri Parlamentari huma permessi li jibagħtu *tweets* waqt li jkunu fil-House of Commons. Se nikkwota minn dan l-artiklu fejn huwa kien irrakkomanda:

> *"... that MPs continue to use smart phones and iPads to send emails, tweet and download documents they can use in speeches provided their use did not "impair decorum"".*

Huwa rrefera għal ftehim li, fl-assenza ta' *Standing Orders* li jirregolaw dan l-aspett, jiggwida lill-Membri dwar l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni fil-House of Commons. U se nerġa' nikkwota mill-istess artiklu:

> *"Until now there has been an informal arrangement allowing MPs to use hand-held devices such as Blackberries, iPhones and iPads, but not laptops, in the Commons so that they can keep up with the day to day business."*

F'artiklu ieħor li deher fis-sit elettroniku www.independent.co.uk fil-15 ta' Mejju 2015 intqal hekk:

> *"No one is allowed to take photos or shoot videos in the Chamber apart from the fixed TV cameras we are used to seeing debates through."*

Fil-fatt dan l-arranġament donnu mhux dejjem ġie segwit tant li fil-25 ta' Novembru 2016, ġie osservat li f'ritratt li juri lill-Membru parlamentari tan-naħa tal-Oppożizzjoni, John McDonnell, jitkellem u jindirizza lis-Sedja, kienu jidhru wkoll madwar 42 membru parlamentari, li kienu qegħdin wara l-kelliem, jużaw il-*mobile phone* b'mod li ħadd ma seta' jgħid jekk kenux qed jieħdu ritratti, jibagħtu messaġġi, jiġbdu xi *video* eċċ.

Għalhekk, peress li s-Sedja m'għandha l-ebda poteri li tapplika xi forma ta' sanzjoni dwar l-użu tal-*mobile phones* mill-Membri parlamentari waqt id-dibattiti tal-Parlament peress li m'hemm l-ebda regolamentazzjoni li torbot lill-Kamra, is-Sedja qed tagħmilha ċara li filwaqt li tingħaqad mal-appell li għamel id-Deputy Speaker dakinhar li tqajjem il-każ, tħeġġeġ sabiex fl-ewwel okkażjoni, fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, il-Gvern u l-Oppożizzjoni għandhom jaqblu li jibdew jiddiskutu dan il-punt b'mod matur sabiex jiġu stabbiliti *guidelines* dwar l-użu tal-*mobile phones* jew *tablets* fil-Kamra tad-Deputati waqt is-seduti parlamentari u l-kumitati tal-Kamra.

Dan ir-*ruling* huwa deċiż.